**Kumpilazzjoni numru: 222/2006**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 5 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Martin Sammut)**

**vs.**

**Philip Cauchi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Philip Cauchi ta' 33 sena, iben Francis u Maria Dolores nee' Spiteri, imwieled 6 ta' Novembru 1972 Pieta', u residenti 3, Triq is-Siggiewi, Sqaq Nru 4, Zebbug (Malta). ID 40673M

Akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-5 ta' Marzu 2006, f'xi hin bejn it-tlieta (03:00 hrs) u l-erbgha (04:00 hrs) ta' filghodu, gewwa l-parkegg maghruf bhala Pender Place, Triq Sant'Andrija, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe, talli dolozament bil-hsieb li joqtol lil Tonio Zammit jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta diversi daqqiet f'partijiet vitali tal-persuna tal-imsemmi Tonio Zammit, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2. Ikkaguna diversi feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Tonio Zammit;

3. Volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' diversi hwejjeg ta' Tonio Zammit, liema hsara hija ta' mhux iktar minn hames mitt Lira Maltin (LM500) izda aktar minn hamsin Lira Maltin (LM50), ghad-danni ta' l-imsemmi Tonio Zammit;

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, b'ghajjat u bil-glied.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali fit-12 ta' Novembru 2008, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

a) l-artikoli 214 u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) l-artikoli 338(m), 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) l-artikoli 382(A), 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Ufficjal Prosekutur u dik tal-parte civile Tonio Zammit.

Minkejja li d-difiza inghatat ukoll il-fakulta li tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, din baqghet ma ipprezentatix, u talbet lil din il-Qorti taghmel trattazzjoni bil-fomm, liema talba giet milqugha.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Dak in-nhar tal-incident l-imputat kien fil-kumpanija tat-tfajla tieghu Antonella Cutajar. Hi kienet ipparkjat il-Fiat Punto taghha fil-car park maghruf bhala Pender Parking Place San Giljan (illum mhux aktar ezistenti) u l-imputat kien passigier fl-istess vettura taghha.

2. Meta Antonella Cutajar kienet ser tibda issuq il-Fiat Punto taghha biex tohrog mill-car park, giet vettura ohra li laqtitha u baqghet sejra. L-imputat nizel minn gol-Fiat Punto, u mar jigri wara din il-vettura biex jipprova johdilha n-numru tal-vettura. Antonella Cutajar harget ukoll mill-Fiat Punto, biex tezamina l-hsara li kienet soffriet il-vettura taghha.

3. Dak il-hin ghaddiet vettura ohra misjuqa minn Tonio Zammit – il-parte civile – li laqtet lil Antonella Cutajar, li jidher li sofriet xi griehi f'sieqha. Zammit waqqaf il-vettura tieghu mal-impatt.

4. Sadanittant kien gej lura l-imputat, li ma rnexxielux jiehu n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura li laqtet il-vettura tat-tfajla tieghu, li ra lil Zammit jolqot lit-tfajla tieghu.

5. L-imputat mar fuq il-vettura ta' Zammit, fetah il-bieb tax-xufier u beda jtieh bil-ponn fuq wiccu, ghax kien irrabjat li dan kien laqat lit-tfajla tieghu.

6. Zammit ipprova jahrab mill-vettura tieghu billi hareg mill-bieba tan-naha tal-passiggier.

7. L-imputat u Antonella Cutajar jallegaw li meta Zammit hareg mill-vettura tieghu u telaq jigri, gie mtajjar minn vettura ohra li tefghetu mal-art u ghaddiet minn fuqu,

8. Min-naha l-ohra, Zammit jichad li hu safa mtajjar minn xi vettura ohra, u jsostni li wara li hareg mill-vettura tieghu, l-imputat baqa' jigri warajh u jaghtih, u li l-griehi li garrab kienu kollha frott l-aggressjoni tal-imputat.

9. Eventwalment Zammit irnexxielu jasal hdejn il-membri tas-sigurta tal-car park ta' Pender Place u talabhom l-ghajnuna.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

L-istqarrija tal-imputat ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienetx tippermetti lis-suspettat li jkollu assistenza legali qabel l-interrogatorju. Minkejja dan, fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-imputat ghamilha cara li minkejja dan il-fatt, l-imputat ma kien bl-ebda mod qed jattakka l-istqarrija rilaxxata minnu, u ssottometta li din l-istqarrija ghandha titqies daqs li kieku kienet ix-xhieda tal-imputat mahlufa.[1]

Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni u fid-dawl tal-fatt li fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-imputat stess ghamel riferenza ghal dak li qal l-imputat lill-Pulizija, qabel kellu l-opportunita' li jiehu parir legali, u dan sabiex jissostanzja l-istess tezi tad-difiza, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Mario Borg vs Malta** deciza fit-12 ta' Jannar 2016, mill-Qorti Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali fil-meritu.

*Il-Mertu*

Il-Qorti se tikkunsidra l-Artikoli elenkati fin-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali.

---

[1] Ara fol. 614 tal-process.

*L-artikoli 214 u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Mill-provi jirrizulta li Zammit kellu griehi ma' gismu kollu minn wiccu sa saqajh. Il-Qorti hija bazikament rinfaccata b'zewg verzjonijiet ta' kif Zammit garrab dawn il-griehi, u cioe dik tal-imputat u t-tfajla tieghu Antonella Cutajar u dik ta' Zammit stess. Kif sewwa osserva l-Ufficjal Prosekutur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, oltre dawn il-verzjonijiet, din il-Qorti tista' tistrieh biss fuq ir-rapporti teknici tal-esperti mahtura minn din il-Qorti u cioe Dottor Mario Scerri, l-Ispizjar Mario Mifsud u Dottor Jonathan Joslin. Dan ghaliex ma kienx hemm xhieda okulari li jistghu jitfghu dawl fuq dan l-akkadut, u l-filmat tac-CCTV m'huwiex car.

Il-Qorti thoss li huwa opportun li fl-ewwel lok ghandha tirriproduci l-konkluzjonijiet tal-ewwel rapport tal-espert mediku Dottor Mario Scerri, dwar il-griehi li sofra Tonio Zammit. Dottor Scerri ezamina lil Zammit tmint ijiem wara l-incident u ikkonkluda hekk:[2]

*"1. Illi l-lacerazzjoni deskritta fuq l-imnieher (bridge of nose) hija klassifikata bhala wahda ta' natura gravi peress illi din tista' thalli marka permanenti fuq il-wicc. Din il-lacerazzjoni hija kompatibbli ma' blunt trauma;*

*2. Illi l-abbrazjoni deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-wicc tinvolvi biss is-superficial layers tal-gilda, kellha qoxra xotta li bdiet tiddistakka minn xi postijiet, kienet ghalhekk ilha li saret madwar tmint ijiem mill-hin tal-ezami medikolegali u mhux suppost thalli marka permanenti fuq il-wicc. Din l-abrazjoni tista' tigi klassifikata bhala brush abrasion u kompatibbli ma' sligh;*

*3. Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq in-naha tal-lemin tal-ghonq kienu ilhom li saru madwar gimgha mill-ezami medikolegali u kompatibbli ma' htif. Dawn l-abrazjonijiet ma jibqghux marka permanenti fuq l-ghonq.*

*4.Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq in-naha tal-lemin tas-sider u tar-right upper quadrant taz-zaqq kellhom l-istess karetteristici u kienu ilhom li saru madwar tmint ijiem mid-data tal-*

[2] Ara Dok MS a fol. 159 tal-process.

*ezami medikolegali. Dawn l-abrazjonijiet li bhalma spjegat 'il fuq, kienu jikkonsistu f'abrazjonijiet bi dritt xulxin u abrazjonijiet ohra fis-sustanza ta' dawn huma kompatibbli ma' sligh u grif. L-istess jista' wiehed jghid ghall-abrazjonijiet l-ohra fuq in-naha tax-xellug;*

5. *Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq l-aspett posterjuri tal-ispallejn, tal-gwienah tad-dahar (scapulae) u fuq it-tarf t'isfel tal-parti tan-nofs tad-dahar huma kompatibbli ma' brush abrasions u dawn probabbilment saru waqt tkaxkira li Zammit ha wiccu 'l fuq bid-dahar jaghmel friction fuq art li kienet rough;*

6. *Illi d-dbengila deskritta fuq in-naha tax-xellug tal-lumbar region kienet ilha li saret madwar tmint ijiem mill-hin tal-ezami medikolegali u hija kompatibbli ma' blunt trauma;*

7. *Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq id-driegh tal-lemin u mal-minkeb huma kompatibbli ma' brush abrasions;*

8. *Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq il-pali ta' l-idejn huma kompatibbli ma' brush abrasions;*

9. *Illi l-lezjonijiet deskritti madwar l-irkopptejn huma kompatibbli ma' blunt trauma;*

10. *Illi l-abrazjonijiet deskritti fuq il-pali tas-saqajn huma kompatibbli ma' blunt trauma;*

11. *Illi certament m'hawn xejn x'jindika illi Tonio Zammit seta' ntlaqat minn xi vettura. Ghalkemm Zammit garrab abrazjonijiet estensivi, dawn ma jidhrux li setghu irrizultaw minn xi mpatt ma' xi vettura;*

12. *Illi meta wiehed jikkonsidra kemm hi rough l-art ta' Pender Place u meta wiehed jikkonsidra li Zammit inhasad u beza' u li dak li kellu f'mohhu kien illi jahrab mill-aggressur tieghu u jmur ifittex l-ghajnuna, dan waqt li ghamel hekk waqa' diversi drabi u jirrizulta li tfixkel f'saqajh skond il-lezjonijiet studjati u spicca waqa' wiccu 'l fuq. Ghalhekk wiehed jara l-abrazjonijiet iktar marked f'pressure areas prominenti meta wiehed jaqa' wiccu 'l fuq bhalma huma l-gwienah, il-parti tan-nofs tan-naha t'isfel tad-dahar, l-aspett posterjuri tal-minkbejn u l-idejn. Dawn l-abrazjonijiet kollha ghandhom pattern. Ghalhekk kien hemm numru t'abrazjonijiet fuq Zammit li*

*ma rrizultax illi dawn kienu ta' natura gravi hlief ghal-lacerazzjoni deskritta fuq l-imnieher.*

13. *Illi l-lezjonijiet deskritti fuq l-idejn fl-opinjoni tal-esponent m'ghandhomx ihallu marka permanenti."*

L-espert Dottor Jonathan Joslin li ezamina lil Zammit hames snin u nofs wara l-incident, wasal in sostanza ghall-istess konkluzjonijiet tal-espert Dottor Mario Scerri, u fil-fatt ikkonkluda hekk: *"Illi nhar il-5 ta' Marzu 2006, Tonio Zammit sofra griehi li huma kompatibbli ma' persuna li kien aggredit bil-ponn u daqqiet ta' sieq."*[3] Fix-xhieda tieghu Dottor Joslin qal illi wara hames (5) snin l-unici feriti li kienu ghadhom jidhru kienu dawn *"Hemm marka bejn l-ghajn tal-lemin u tax-xellug. Dak jigi klassifikat bhala sfregju. Ghandu wkoll ticrita li hija assocjazzjoni ma' barxa, ma slieh, ma' xi hadd li waqa u kien hemm certu press fuq l-id."*[4]

Fis-seduta tal-31 t'Awwissu 2016, gie verbalizzat hekk: *"Il-Qorti ... ... talbet lill-parte civile sabiex jersaq lejn it-Tribuna "within walking distance" ... ... u min dak li tista' tikkonstata l-Qorti jidhru sinjali antiki ta' suture fuq il-bridge tal-imnieher tas-Sur Zammit ta' circa zewg centimetri, pero ma jidhrux sinjali fuq mohhu. Il-Qorti ikkonstatat ukoll li fuq is-sebgha l-kbir ta' id il-leminija tas-Sur Zammit jidhru sinjali ta' saturi antiki tat-tul ta' circa centimetru u nofs."*[5]

Fit-trattazzjoni orali, d-difiza pjuttost biddlet il-posizzjoni li kienet hadet matul dawn il-proceduri. Fil-fatt fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat qal hekk: *"Philip Cauchi ghandu jwiegeb tal-griehi li garrab Tonio Zammit. U mhux ha nieqaf hawn. M'ghandux, m'ghandux iwiegeb ghal griehi kollha, pero wkoll ha nammettiha minn issa, fuq aspett legali, jrid jwiegeb ghall-gerha l-aktar gravi. ... ...(I)llum huwa kollox kristallizzat illi l-aktar ferita gravi li ghandna, hija lacerazzjoni, li htieget is-sutura, fuq il-bridge tal-imnieher tal-parte civile Tonio Zammit. Li giet ikkagunata probabbilment konsegwenza ta' pressjoni tan-nuccali li kien liebes is-Sur Zammit wara li qala' daqqa fuq in-nuccali stess. Jekk wiehed jara l-istqarrija ta' Philip Cauchi, l-akkuzat, Antonella Cutajar u d-deposizzjoni in kontro-ezami tas-Sur Zammit, insib nahseb lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, din il-gerha*

[3] Ara fol 472 tal-process.
[4] Ara fol 459 tal-process.
[5] Ara fol 608 tal-process.

*kkagunaha Philip Cauchi meta xejjer daqqiet ta' ponn fuq wicc Tonio Zammit. Din xtaqt dejjem naghmilha cara li qatt ma' kienet ikontesta."*[6]

Id-difiza issottomettiet ukoll li fix-xhieda tieghu Dottor Joslin qal li l-ferita fuq l-id ta' Zammit mhux se thalli marka. Fil-fatt dan hu nkorrett, ghax Dottor Joslin qal fix-xhieda tieghu li kien ghad hemm marka fuq l-id, u din il-Qorti ikkonstatat din il-marka fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2016. Effettivament kien Dottor Mario Scerri li qal fl-ewwel rapport tieghu fl-2006 li probabbilment din il-ferita fuq l-id m'hux se tibqa' marka, pero fir-rapport tieghu tal-2008, Dottor Scerri qali li din il-ferita kient se tibqa' marka permanenti, u bhala stat ta' fatt din baqghet marka ghaxar snin wara. Ghalhekk anke din il-marka fuq l-id, ghandha titqies bhala ta' natura gravi, u mhux wahda ta' natura hafifa kif issottomettiet id-difiza.

Pero id-difiza qieghda tikkontesta li l-marka fil-wicc tikkostitwixxi sfregju gravi u permanenti ai termini tal-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex ghalkemm id-difiza tikkoncedi li kien hemm sfregju ghax kien hemm marka fil-wicc u din il-marka hija permanenti, pero d-difiza tissottometti li dan l-isfregju mhux wiehed gravi ghaliex ma gabitx sfigurazzjoni tal-wicc, bhal meta wiehed tinqatalu parti minn widna jew minn imniehru. Ghalhekk id-difiza qed tissottometti li l-ferita ikkagunata lil Zammit taqa' taht l-Artikolu 216(1)(b) – cioe sfregju fil-wicc.

Fin-notamenti tieghu **Notes on Criminal Law**, **Prof. Anthony Mamo** jghid hekk: *"But it must be clearly noted that, in our law, in order that the bodily harm may be considered grievious, it is <u>not</u> necessary that the deformity or disfigurement of the face, or of the neck or of either of the hands be serious and permanent. If it is serious and permanent, then this is a reason for a further aggravation of the offence and for increasing the punishment. The injury would be serious and permanent for instance when it consists in mutilation of the nose or of the fingers."*[7]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Fortunato Saliba** deciza fil-5 ta' Frar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] irriteniet li skond l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali *"l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma*

---

[6] Ara fol. 610 tal-process.
[7] Ara fol. 228.
[8] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; (sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet tal-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza tal-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita, taghti lok ghall-hekk imsejjha "offiza gravizzima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

L-istess gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] irribadiet illi: *"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ("disfigurement") fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura "Kif din il-Qorti kellha l-opportunita li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ("disfigurement") fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b), li l-ligi tirrikjedi l -permanenza (oltre l-gravita) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esebiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. … *omissis* … Jonathan Farrugia**, deciza fil-15 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[10] irriteniet hekk: *"Issa, waqt is-sottomissjonijiet orali, id-difiza qalet li aktar mill-permanenza kienet qed tikkontesta l-gravita. … … Fil-kaz ta' l-artikolu 216(1)(b) l-offiza trid tikkostitwixxi sfregju fil-waqt illi fil-kaz ta' l-artikolu 218(1)(b) l-isfregju jrid ikun "gravi u permanenti". Fil-kaz in ezami din il-Qorti tghid bla tlaqliq illi ghalkemm l-offiza li garrab Jean Pierre Gatt fuq in-naha tal-lemin ta' mohhu tikkostitwixxi sfregju ta' natura permanenti, ma tikkwalifikax bhala sfregju gravi ghax ghalkemm tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u tidher minn distanza normali, m'hijiex tali li tikkawza xi forma ta' ribrezz. Kwindi dak li hu applikabbli f'dan il-kaz huwa l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Ghalkemm fit-trattazzjoni orali fil-kaz odjern, l-avukat difensur tal-imputat mhux dejjem uza d-dicitura korretta, huwa car li in sustanza hu ma kienx qed jikkontesta l-permanenza tal-

[9] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[10] *Per* Imhallef David Scicluna.

isfregju fuq wicc Zammit, izda l-gravita tieghu. Fuq l-iskorta ta' din il-kazistika, din il-Qorti li wkoll kellha okkazzjoni li tara b'ghajnejha c-cikatrici fuq imnieher Zammit, ukoll tasal ghal konkluzjoni li ghalkemm din il-ferita tikkostitwixxi sfregju ta' natura permanenti, ma tikkwalifikax bhala sfregju gravi ghax ghalkemm tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u tidher minn distanza normali, m'hijiex tali li tikkawza xi forma ta' ribrezz. Kwindi, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza, li l-Artikolu 218(1)(b) mhux applikabbli ghal kaz odjern, izda huwa applikabbli l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

L-istess konsiderazzjonijiet li japplikaw ghal ferita permanenti li Zammit sofra fuq imniehru, japplikaw *mutatis mutandis* ghal ferita permanenti li Zammit sofra fuq idejh, u konsegwentement ghaliha huwa wkoll applikabbli l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ftit ghandha xi tghid dwar il-verzjoni tal-imputat u ta' Antonella Cutajar li wara li hareg mill-vettura tieghu min-naha tal-passigier, Tonio Zammit safa mtajjar minn vettura ohra li ghaddiet minn fuqu. Dan hu negat minn Zammit. Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-imputat jipprova jiskredita x-xhieda u r-relazzjoni tal-espert Dottor Mario Scerri. Pero dak li naqas li jsemmi l-avukat difensur, hu li l-konkluzjoni ta' Dottor Mario Scerri, hija komfortata mill-konkluzjoni ta' zewg esperti ohra – Dottor Jonathan Joslin u l-Ispizjar Mario Mifsud. Kif gia inghad iktar il-fuq, Dottor Jonathan Joslin ikkonkluda li l-feriti li sofra Zammit huma kompatibbli ma' persuna li kien aggredit bil-ponn u daqqiet ta' sieq – dan l-espert ma jsemmi l-ebda ipotesi ohra li setghet ikkagunat dawk il-feriti, u d-difiza ma dehrilix li kellha teskuti lil dan l-espert.

In oltre l-Ispizjar Mario Mifsud u Dottor Mario Scerri gew konguntament nominati minn din il-Qorti biex jezaminaw il-hwejjeg li kien liebes Tonio Zammit waqt l-incident *de quo* u dan biex jigi stabbilit jekk il-vittma gietx investita minn xi vettura. L-unika bicca hwejjeg li setghet tqanqal xi dubbju kien il-flok ta' taht li fuqu sabu marka ta' tyre, pero l-marka tat-tyre hija identifikata perfetta, u tidher stampa cara. Ma kienx hemm evidenza illi kien hemm tkarkir taghha. Huma ikkonkludew li din il-marka hija kompatibbli ma' habta diretta ma' tyre li huwa wieqaf mhux ma' tyre miexi. Konsegwentement huma kkonkludew li ma kien hemm ebda evidenza illi Tonio Zammit intlaqat minn vettura li kienet miexja.[11]

[11] Ara Dok MS 2 a fol. 341 *et seq.* tal-process.

Il-logika wahedha tghidlek, li likieku ghaddiet vettura minn fuq il-persuna ta' Zammit, anki jekk ma laqtitux bir-roti, l-feriti li kien isofri kienu jkunu hafna ikbar, kif irreleva Dottor Mario Scerri fix-xhieda tieghu.[12] Konsegwentement, il-verzjoni tal-imputat u ta' Antonella Cutajar m'hux biss m'ghandhix mis-sewwa, imma hija kontradetta bl-evidenza xjentifika tal-esperti teknici mahtura.

Konsegwentement, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li wara li Zammit hareg mill-vettura tieghu min-naha tal-passiggier biex jipprova jahrab l-aggressjoni tal-imputat, l-imputat kompla jigri warajh u jtih bhal *"annimal ifferoccjat"*, kif iddiskrevih Zammit.[13] Konsegwentement, il-griehi kollha sofferti minn Zammit gew kagunati mill-imputat.

Minn dan isegwi li l-griehi l-ohra elenkati minn Dottor Mario Scerri fl-ewwel rapport tieghu, u li kienu fil-wicc, fl-ghonq jew f'idejn Zammit, ukoll jikkostitwixxu sfregju ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali, li hu reat kompriz u involut fir-reat kontemplat fl-Artikolu 218(1)(b) elenkat fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali.

Pero, din il-Qorti lanqas se tikkunsidra s-sottomissjoni tal-parte civile li konsegwenza ta' dan l-incident hu sofra dannu fi sninu, stante li dan ma giex konstatat, la mill-espert Dottor Mario Scerri, li ezamina lil Zammit diversi drabi u lanqas mill-espert Jonathan Joslin. Jekk Zammit vera sofra xi dannu fi sninu dan kellu jindikah lil xi wiehed minn dawn l-esperti, biex id-dannu seta' jigu kkonstatat minn persuna indipendenti.

Issa din id-difiza qed teccepixxi zewg skuzanti. L-ewwel wahda hija dik kontemplata fl-Artikolu 230(c) tal-Kodici Kriminali, u cioe li l-offiza fuq il-persuna hija skuzabbli ghax *"ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna*". Id-difiza issottomettiet li dan l-artikolu huwa applikabbli anki meta r-reat isir kontra terza persuna, u mhux kontra l-persuna tal-imputat. Hija issottomettiet li l-imputat, li kien diga iffrustrat li xi hadd kisser il-karozza tat-tfajla tieghu u baqa' sejjer, hebb ghal Zammit ghaliex ra lil Zammit itajjar lit-tfajla tieghu, u hemmhekk tilef il-kontroll tieghu innifsu.

---

[12] Ara fol. 147 tal-process.
[13] Ara fol. 557-558 tal-process.

Din il-Qorti hija propensa li taccetta t-tezi tad-difiza li l-iskuzanti taht l-Artikolu 230(c) ikopri wkoll kazijiet fejn id-delitt kontra l-persuna ma jsirx fil-konfront tal-imputat, imma ta' terza persuna. Dan ghaliex id-dicitura tal-artikolu 230(c) hija wahda wiesa' hafna, u m'hi bl-ebda mod limitata. Kieku l-legislatur ried jillimita din l-iskuzanti ghal kazijiet fejn l-offiza fuq il-persuna tkun dik tal-imputat biss, dan kien jghidu espressament. Ladarba l-ligi ma tiddistingwix, mhux lecitu ghal din il-Qorti li taghmel distinzjonijiet.

Pero, ladarba id-difiza qed teccepixxi din l-iskuzanti, kien jinkombi lid-difiza li tippruvaha sal-grad tal-probabbli. Huwa vera li Zammit ammetta li laqat lil Antonella Cutajar bil-mera tal-vettura tieghu, pero ma ngabet l-ebda prova indipendenti – bhal certifikat mediku - ta' x'kienu l-griehi li allegatament sofriet Cutajar. PC 702 Jonathan Ransley xehed li Cutajar kellha *"xi selha fuq saqajha"*.[14] Issa d-difiza bl-ebda mod ma gabet prova ta' kif saret din is-selha.

Cutajar xehdet li malli l-imputat ra lil Zammit itajjarha mill-ewwel mar fuq Zammit u aggredieh, u lanqas indenja ruhu l-ewwel jiccekka jekk u fejn wegghet.[15] Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid ukoll li kif ra il-vettura ta' Zammit tolqot lil Cutajar u haseb li laqtet ukoll il-karozza ta' Cutajar, mar fuqu – imkien ma jsemmi li mar jivverifika jekk Cutajar wegghetx jew jekk Zammit kienx effettivament laqat ukoll il-vettura ta' Cutajar.[16] Ghalkemm l-imputat pero jghid fl-istqarrija tieghu li ra lil Cutajar mal-art tibki u mugugha, xorta ma jidhirx li hass il-bzonn li jmur itiha l-ewwel ghajnuna. Dan il-fatt wahdu jindika li l-imputat lanqas iccekkja jekk Cutajar sofrietx xi griehi qabel ma mar jagredixxi lil Zammit.

Cutajar xehdet li l-karozza ta' Zammit laqtitha f'saqajha u waqghet mal-art u mbaghad qamet u marret bil-qieghda fil-karozza taghha.[17] Din il-Qorti diga' ssibha difficli biex tifhem kif il-karozza laqtitha f'saqajha meta hi xehdet li kienet bil-wieqfa meta laqtitha. Fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2013 – cioe seba' (7) snin wara l-incident - Cutajar xehdet li konsegwenza tad-daqqa kisret l-ghaksa ta' saqajha u damet xahrejn bil-gibs. Pero hi ghazlet li tahfer lil Zammit u qalet lil Pulizija biex ma jiehdux passi kontrih.[18] Din ix-xhieda ma taqbilx max-xhieda ta' PC 702 Jonathan Ransley u lanqas taqbel max-xhieda li l-istess Cutajar tat ftit

[14] Ara fol. 287 u Dok JR wara fol. 293 tal-process.
[15] Ara fol.92, 96 u 524 tal-process.
[16] Ara fol. 40 tal-process.
[17] Ara fol. 525 tal-process.
[18] Ara fol. 530-531 tal-process.

zmien wara l-incident, u cioe fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006, fejn imkien ma semmiet li sofriet xi ksur, u lanqas elaborat xi griehi garrbet bl-allegata daqqa ta' vettura.

Min-naha l-ohra, fit-trattazzjoni orali, id-difensur tal-imputat qal li Cutajar ma wegghetx gravement, pero ghal xi zmien kellha bzonn tuza l-krozzi. Pero id-daqqa li qalghet fieqet fi zmien inqas minn tletin gurnata, u allura l-ferita li kellha ma setghetx titqies bhala wahda gravi skond il-ligi.[19]

F'dan l-istat tal-provi, din il-Qorti ma tarax kif tista' tasal ghall-konkluzjoni, li d-difiza ippruvat sal-grad tal-probabbli li Zammit kien ikkommetta delitt kontra l-persuna ta' Cutajar, u konsegwentement qieghda tichad din l-eccezzjoni.

Subordinatament, id-difiza issollevat l-eccezzjoni tal-passjoni istantanja taht l-Artikolu 230(b) tal-Kodici Kriminali li jaghmel riferenza ghad-disposizzjonijiet fl-Artikolu 227(c) tal-istess Kodici, li jikkoncerna omicidji skuzabbli. L-Artikolu 227(c) jippreskrivi li omicidju hu skuzabbli:

*"meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;*

*sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt."*

Id-difiza tissottometti illi anki taht dan l-iskuzanti hija qed tissottometti li l-imputat kien provokat ghaliex gie kommess reat kontra l-persuna tat-tfajla tieghu Antonella Cutajar.

Pero, din il-Qorti lanqas tista' tghid li din l-iskuzanti giet ippruvata, ghall-istess ragunijiet li ma gietx ippruvata l-ewwel skuzanti. In oltre l-Qorti izzid, li fi kwalunkwe kaz, jekk Cutajar sofriet xi ferita, din kienet wahda ta' natura hafifa, u lanqas jirrizulta li kien hiereg xi demm minnha. Ghalhekk anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi accettat li Cutajar sofriet

---

[19] Ara fol. 614 tal-process.

ferita ta' natura hafifa, din certament ma tistax titqies bhala raguni li f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li jintilfu minn sensihom u ma jkunux kapaci jirriflettu fuq il-konsegwenzi tal-agir taghhom. Certament ir-reazzjoni tal-imputat kienet totalment sproporzjonata anke jekk kif inghad wiehed kellu jaccetta ghall-grazzja tal-argument li Cutajar sofriet ferita ta' natura hafifa.

*L-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Dan l-artikolu jikkontempla d-delitt ta' min volontarjament ihassar jew jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli. Fil-waqt li is-subartikolu (b) huwa a rigward l-ammont ta' hsara li f'dan il-kaz – fi zmien li tal-incident in kwistjoni - ma kellix tiskorri €2,500.00, izda tkun izjed minn €250.00.

Tonio Zammit qed jallega li sofra diversi hsarat, u cioe s-segwenti:

1. Hsara fil-vettura tieghu ammontanti ghal circa €328.00, u dan skond survey report li hu stess ipprezenta.
2. Hsara li jallega li sofra fi snienu ta' circa €1572.00, u dan kif jirrizulta mix-xhieda tad-dentist u anke mir-ricevuta esebita.
3. Il-hwejjeg illi kien liebes fil-gurnata in kwistjoni, u li kellhom jigu mqattghin, li hu ddikjara li xtrahom bejn €140.00 u €160.00.
4. In-nuccali tal-vista ta' valur ta' circa €232.00.

Rigward il-hsara fil-vettura, Zammit kien leali u iddikjara li ma kienx ra din il-hsara ssir u ghalhekk ma setghax jghid kienx l-imputat li fil-fatt ghamilha. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni, u fin-nuqqas ta' provi ohra fir-rigward, din il-Qorti ma tistax qatt issib lill-imputat hati li ikkaguna dawn id-danni.

Rigward il-hsara li Zammit allega li sofra fi snienu, din il-Qorti diga qalet li mhux se tiehu konjizzjoni ta' din l-allegazzjoni, stante li din l-allegazzjoni qatt ma giet investigata minn xi wiehed mill-esperti medici mahtura minn din il-Qorti, jew minn xi espert iehor mahtur minn din il-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, kif sewwa issottomettiet id-difiza, sinna ma tikkwalifikax bhala proprjeta, izda hija parti mill-persuna. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument l-imputat

ikkaguna lil Zammit hsara fi snienu, dan jikkostitwixxi reat kontra l-persuna u mhux kontra l-proprjeta.

Rigward il-hwejjeg li kien liebes, u cioe t-shirt u jeans li kienu mqattghin u mimlijin demm, dan jirrizulta mir-ritratti fir-rapport kongunt ta' Dottor Mario Scerri u l-Ispizjar Mario Mifsud.[20] L-istat li fih huma dawn il-hwejjeg certament li ma kienx ekonomikament viabbli li wiehed jipprova jnaddafhom u jsewwihom. Il-Qorti tqis li d-dikjarazzjoni tal-valur ta' Zammit hi wahda ragonevoli, u li din l-allegazzjoni giet debitament pruvata. Il-Qorti se tiehu l-medja tal-valuri li ta Zammit, u se tqis li l-valur ta' dawn il-hwejjeg kien ta' €150.00

Rigward it-tkissir tan-nuccali tal-vista, dan gie ukoll debitament ippruvat li sar meta l-imputat beda jaghtih bil-ponn fuq wiccu meta kien qieghed fil-vettura tieghu. Fit-trattazzjoni orali, id-difiza tissottometti li l-imputat ma kissirx dan in-nuccali volontarjament izda involontarjament. Din il-Qorti ma taqbilx. Ma hemmx dubbju li l-imputat mar biex ihebb ghal Zammit u beda jtih bil-ponn fuq wiccu. Hu ovvju li l-imputat induna li Zammit kien liebes nuccali tal-vista, izda dan nonostante baqa' jtih fuq wiccu. Ghalhekk certament l-imputat ma jistax jghid li hu kisser dan in-nuccali involontarjament. Il-valur li ta Zammit lil dan in-nuccali - u cioe €232.00 hu wkoll wiehed ragonevoli.

Ghaldaqstant, gie debitament ippruvat li l-imputat ikkaguna danni lil Zammit ta' €382.00 u konsegwentement din l-imputazzjoni giet ukoll ippruvata skond il-ligi.

*L-Artikoli 338(m) 338(dd), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Dawn l-artikoli kollha jikkoncentraw kontravenzjonijiet.

L-Artikolu 338(m) jirrigwarda min bil-lejl, jikser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor. Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat.

---

[20] Ara fol.341 *et seq.*

L-Artikolu 338(dd) jikkoncerna min volontarjament jikser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Din il-kontravvenzjoni giet ovvjament debitament ippruvata.

L-Artikolu 339(1)(d) huwa dwar min ihebb kontra persuna ohra. Din il-kontravvenzjoni giet ukoll debitament ippruvata.

L-Artikolu 339(1)(e) huwa dwar min jaghmel ingurji jew theddid. Mill-provi ma jirrizultax li l-imputat ingurja jew hedded lil Zammit.

*L-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

L-Artikolu 382A jikkontempla l-ordnijiet ta' trazzin, u l-Artikolu 383 jaghti s-setgha lill-Qorti li torbot lill-hati bl-obbligi u l-garanzija.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Din il-Qorti ma tistax ma tissottolineax il-gravita ta' dan ir-reat. Meta gara l-incident, Zammit kellu biss dsatax(19)-il sena u kien qed jistudja l-Universita. Matul l-aggressjoni kollha tal-imputat huwa ma offra l-ebda rezistenza, u fil-fatt l-imputat lanqas biss allega li sofra xi griehi waqt dan l-incident.

Kif sewwa issottomettiet l-avukat difensur ta' Zammit mhux accettabbli f'socjeta civili li ghax bniedem jahbat jew jolqot lil xi hadd waqt li qed isuq, u jieqaf biex jara x'gara, jispicca jlaqqat xebgha tajba, li thallih bi sfregju, apparti t-trauma psikologika. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciza fit-30 ta' Lulju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[21] irriteniet hekk: *"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazzjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna, il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv*

[21] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."*

Ghalkemm huwa vera li l-fattispecje ta' dan l-incident huma ftit jew wisq unici, ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, dan xorta ma jiggustifikax il-fatt li l-imputat tilef il-kontroll tieghu innifsu minghajr raguni valida fil-ligi, u ma ikkunsidrax il-konsegwenzi tal-agir tieghu.

Min-naha l-ohra jirrizulta li meta sehh l-incident l-imputat kellu fedina penali netta, u li l-fedina penali tieghu aggornata ghadha wahda netta. Ghalhekk ma jirrizultax li l-imputat, li ghandu 45 sena qatt xellef difrejgh mal-gustizzja, hlief ghal dan l-incident.

Mill-istqarrija tieghu, jirrizulta li l-imputat mill-ewwel gharaf li zbalja u fil-fatt spicca l-istqarrija tieghu hekk: *"Jien jiddispjacini ta' dak li gara u anke niskuza ruhi mieghu. Jien irrid nirranga mieghu. Dak li ghamilt, ghamiltu ghax kont irrabjat u mahruq meta l-ewwel ghamlu l-hsara fil-karozza ta' Antonella u imbaghad gie dan l-individwu u laqat lil Antonella u wegghaha. Dak il-hin intlift minn sensija. Jien lest li naghmel tajjeb ghal xi spejjes li jista' jkun hemm."*[22]

Mir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation Marianne Zammit jirrizulta li hemm element konsiderevoli ta' stabbilita fil-hajja tal-imputat. Huwa ghandu mpjieg stabbli u jinsab f'relazzjoni stabbli, u dawn il-fatturi qeghdin jikkontribwixxu biex l-imputat isegwi hajja ta' stabbilita. Jidher ukoll li ma hemmx problema ta' abbuz mid-droga.

Ghalhekk fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-opinjoni tal-Qorti, piena karcerarja effettiva tkun harxa wisq u lanqas hemm lok ta' sentenza sospiza, billi ma jidhirx li hemm riskju serju li l-imputat jerga' jikkommetti reat iehor.

Fir-rapport verbali, ordnat minn din il-Qorti, l-Ufficjal tal-Probation irrakkommandat li l-imputat jinghata ordni ta' Probation u Servizz skond l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero billi ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi vizzji jew li qieghed fil-perikolu li jaqbad it-trieq tal-kriminalita, din il-Qorti lanqas tara li hemm raguni ghalfejn

[22] Fol. 41 tal-process.

ghandu jitqieghed taht ordni ta' probation. Pero din il-Qorti certament taqbel li l-imputat ghandu jinghata ordni biex jaghmel xoghol bla hlas fil-komunita. B'dan il-mod l-imputat ikun qed jikkumpensa lis-socjeta ghal hsara li huwa ghamel.

Tenut kont is-serjeta tar-reat ta' ferita gravi konsistenti fi sfregu, din il-Qorti hija tal-opinjoni li din l-ordni ghandha tkun fil-massimu stabbilit mil-ligi.

In oltre l-imputat ghandu jigi ikkundannat ihallas lill-parte civile d-danni li kkagunalu.

Tenut kont li matul dawn il-proceduri, li hadu pjuttost fit-tul, ma kienx hemm incidenti bejn l-imputat u l-parte civile, din il-Qorti ma tarax li huwa necessarju li tohrog ordni ta' trazzin jew li tohrog xi ordni ghas-sigurta tal-parte civile.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-12 ta' Novembru 2008:

1. ma ssibx lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 338(m) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnhom;

2. ma ssibx lill-imputat hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda minflok issibu hati tar-reat kompriz u involut kontemplat fl-Artikolu 216(1)(b) tal-istess Kapitolu;

3. issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikolu 214, 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-istess Kapitolu;

4. fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qeghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieh taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-

Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reati originali.

5. In oltre a tenur tal-Artikolu 24 tal-istess Kapitolu 466, tordna lill-hati ihallas lil Tonio Zammit bhala kumpens is-somma ta' tlett mija u tnejn u tmenin Euro (€382.00), minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe somma ulterjuri li tista' tkun dovuta.

6. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

7. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**